MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 16/2005

Kawza fil-lista: 37

**AB**
**vs**
**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tat-18 ta' Frar 2005 Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B nee' D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u jew b’anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew li f’ dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz stante li ma kellhomx mezz kif jikkomunikaw ma’ l-assenti; u rriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu ma’ C D kkuntrattat f’ Malta fit-8 ta’ Gunju 2002 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [f] u [d] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi u taghtih affidament.

**Kwadru tal-fatti**
Mill-provi rrizulta li fi Frar 2002 habiba ta’ l-attur kienet introducietu ma’ l-assenti C Mitac, mara ta’ nazzjonalita’ Jugoslava, u peress li l-attur kien ha grazzja maghha u C ma kellhiex visa biex toqghod Malta, huwa accetta li jizzewwigha fi zmien qasir. Di fatti dawn izzewgu fit-8 ta’ Gunju 2002 meta allura l-attur kellu 23 sena u C kellha 30 sena, u wara li kienu ilhom jghixu xahar flimkien. L-attur jghid li xi hmistax qabel iz-zwieg C kienet qaltlu li t-tifel li kien ra fir-ritratti ma kienx huha izda kien it-tifel taghha li kellha minn ragel iehor li minnu kienet iddivorzjata.

Illi kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara, C kienet okkazzjonalment titolbu ammonti ta’ flus lill-attur, u dan kien jaghtihomla, sahansitra anke meta ma kienux ghadhom jghixu flimkien. L-attur jispjega li dan kien jaghmlu ghax il-mara kienet toghgbu u bl-isperanza li isalva z-zwieg; izda wara li kien jaghtiha l-flus, C kienet terga’ tintbieghed minnu. L-attur jispjega li wara z-zwieg damu jghixu flimkien circa xahar, ghax imbaghad C marret tghix ghand il-habiba taghha, u l-attur mar jghix mal-genituri tieghu.

Fl-affidavit tieghu l-attur jispjega li wara z-zwieg ma kien hemm ebda rapporti sesswali bejniethom, u li martu “hekk kif izzewwigna ghamlitili cara hafna li ma rieditx tfal aktar ghax hi gja kellha tifel wiehed.” [Fol.20].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat.

Mill-provi, u senjatament minn kif gabet ruhhau Beljana wara z-zwieg, jirrizulta car li, ghalkemm esternament dina kienet ghaddiet minn cerimonja nuzzjali ma’ l-attur, internament kienet eskludiet b’ att posittiv tal-volonta’ taghha obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u cioe’ l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal <u>komunjoni ta’ hajja</u> u l-<u>prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied</u>. Il-kapacita’ li jassumu dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-

zewg partijiet. Dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjoni essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom dik tal-fedelta' u tal-fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, cioe' dawk l-obbligazzjonijet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Fil-kaz odjern jidher li l-iskop ewlieni ta' mart l-attur fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kien li takkwista c-cittadinanza maltija permezz taz-zwieg, u inoltre tkompli takkwista ammonti ta' flus minghandu. Mill-provi rrizulta car li dina ma kellhiex ebda intenzjoni, la li tghix ma' l-attur, la li tghix il-hajja matrimonjali mieghu, u lanqas li jkollha tfal minnu. Il-Qorti tosserva li dan iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza sit et simpliciter, li mart l-attur dahhlet fih, mhux biex tassumi l-obbligi matrimonjali, izda sabiex takkwista c-cittadinanza maltija u flus minghand l-attur. Dan johrog car mill-fatt li l-konvivenza bejniethom damet biss xahar, u l-kundizzjoni maghmula minn martu li dina ma kienitx riedet tfal minn dan iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha l-ohra l-kawzali bazata fuq il-paragrafu [d] ma tinsabx sostnuta mill-provi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara bhala null u minghajr effett fil-ligi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut nomine, izda dawk relattivi ghall-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provvisorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------